**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Numru: 54/2009**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Johann J. Fenech)**

**vs**

**James Hughes**
**(ID 409875(M))**

**Illum: 28 ta' Ottubru 2020**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **James Hughes** ta' 33 sena, iben James u Anna Maria nee` Caruana, imwieled Pieta` nhar id-9 ta' Ġunju 1975, residenti Nru 50, Triq Antonio Bosio, Msida, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 409875(M);

Akkużat talli fil-21 ta' Jannar 2009 u matul is-sitt xhur ta' qabel din id-data f'dawn il-Gżejjer:

1) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lil persuna/i jew għall-persuna/i mingħajr ma kellu liċenzja mill-Presiden ta' Malta u mingħajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939), jew minn xi awtorita` mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-

Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-sitt (6) Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-Regolament numru 4 tar-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

2) Kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;

3) Kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

4) Kellu fil-pussess tiegħu l-mediċina DHC[1] speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;

---

[1] Din l-imputazzjoni oriġinarjament kienet tirreferi għall-kodejina, iżda ġiet awtorizzata korrezzjoni b'digriet ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, tas-6 ta' Frar 2009 (ara a fol. 29 tal-proċess).

5) Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta.[2]

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tittratta mal-imputat bħala li sar reċidiv permezz ta' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġt. Dr. A. Mizzi LL.D nhar it-12 ta' Frar 2007.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tal-5 ta' Frar 2010, ġie vverbalizzat illi "*Id-difiza qed tammetti l-pussess semplici tad-droga involuta minghajr l-aggravanti*", kif ukoll illi "*Id-difiza qed tezenta lill-prosekuzzjoni milli ttella' xhieda dwar is-sentenza esebita u qed tammetti r-ricediva*"[3];

Rat illi fis-seduta tad-19 ta' Ġunju 2013, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qegħdin jeżentaw lill-Qorti, kif preseduta, milli terġa' tisma' l-provi miġjuba sa dakinhar quddiem il-Qorti kif diversament preseduta[4];

Rat illi fis-seduta tas-17 ta' April 2015, l-imputat irreġistra ammissjoni, liema ammissjoni huwa kkonfermaha wara li l-Qorti, ai termini tal-Artikolu 453(1) tal-

[2] Iż-żieda ta' din l-imputazzjoni ġiet awtorizzata b'digriet ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, tas-6 ta' Frar 2009.
[3] Ara a fol. 98 tal-proċess.
[4] Ara a fol. 132 tal-proċess.

Kodiċi Kriminali, kkonċedietlu żmien biżżejjed biex jerġa' jikkonsidra t-tweġiba tiegħu u jerġa' lura minnha[5];

Rat id-digriet tagħha tal-21 ta' Novembru 2016, li permezz tiegħu laqgħet it-talba tad-difiża u assumiet il-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u rreferiet lill-imputat quddiem il-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga ai termini tal-Artikolu 8(3) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta[6];

Rat ukoll illi fis-seduta tal-24 ta' April 2019, l-imputat irreġistra ammissjoni dwar l-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, b'dan illi ddikjara li kien qed jikkontesta l-addebitu tar-reċidiva, liema ammissjoni kkonfermaha wara illi ai termini tal-Artikolu 453(1) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti avżatu bil-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tiegħu u kkonċedietlu żmien biżżejjed sabiex jerġa' jikkonsidra t-tweġiba tiegħu u jerġa' lura minnha[7];

Semgħet lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruħha għall-provi prodotti u t-trattazzjoni finali tad-difiża.

**Ikkunsidrat:**

Illi kif ingħad iżjed 'il fuq, fil-mori ta' dawn il-proċeduri, l-imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu f'diversi stadji u dan kif ġej:

1. Fis-seduta tal-5 ta' Frar 2010, ġie vverbalizzat illi "*Id-difiza qed tammetti l-pussess semplici tad-droga involuta minghajr l-aggravanti*", kif ukoll illi "*Id-difiza qed tezenta lill-prosekuzzjoni milli ttella' xhieda dwar is-sentenza esebita u qed tammetti r-ricediva*" [sottolinear tal-Qorti];

2. Fis-seduta tas-17 ta' April 2015, ġie vverbalizzat illi l-imputat irreġistra ammissjoni. Din l-ammissjoni kienet waħda ġenerali u mingħajr kwalifika jew kontestazzjoni. In oltre fl-istess seduta wara din l-ammissjoni, id-difiża talbet li jiġi redatt *Pre-Sentencing Report* fil-konfront tal-imputat – rapport dan li jiġi mitlub u redatt biss meta l-imputat jirreġistra ammissjoni fir-rigward tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu;

3. Fis-seduta tal-24 ta' April 2019, l-imputat imbagħad irreġistra ammissjoni dwar l-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, b'dan illi ddikjara li kien qed jikkontesta l-addebitu tar-reċidiva. Għal xi raġuni ma ingħad xejn dwar il-ħames imputazzjoni, x'aktarx

[5] A fol. 141 tal-proċess.
[6] Ara d-digriet a fol. 180 *et seq* tal-proċess.
[7] A fol. 227 tal-proċess.

għaliex din ma tirriżultax fiċ-ċitazzjoni oriġinali fl-ewwel paġna tal-proċess.

Illi dwar dawn l-ammissjonijiet, il-Qorti tirrileva fl-ewwel lok illi apparti l-ammissjoni ġenerali tal-imputat fis-seduta tas-17 ta' April 2015, m'hemmx dubju wkoll illi permezz tad-dikjarazzjoni tal-5 ta' Frar 2010, l-imputat ammetta għall-pussess tad-droga eroina (it-tieni imputazzjoni), il-pussess tar-raża tal-*cannabis* (it-tielet imputazzjoni), il-pussess tal-mediċina *DHC* (ir-raba' imputazzjoni) u l-pussess tad-droga kokaina (il-ħames imputazzjoni), b'dan illi tali ammissjoni kienet dwar pussess għall-użu personali u mhux aggravat. Hawnhekk, il-Qorti tirrileva wkoll illi fi kwalunkwe każ il-pussess materjali tad-drogi eroina, tar-raża tal-*cannabis* u tas-sustanza *Dihydrocodeine* (salv għal dak li ser jingħad dwar din is-sustanza iżjed 'l isfel) tirriżulta mill-provi proċesswali stante illi dawn kienu lkoll sustanzi li ġew elevati mir-residenza tal-imputat odjern.[8]

Permezz tal-ammissjoni tal-24 ta' April 2019, imbagħad, l-imputat irreġistra ammissjoni mhux biss għall-pussess għall-użu personali tal-eroina u tal-mediċina DHC, iżda għall-pussess aggravat tal-istess u dan fil-waqt illi rreġistra ammissjoni wkoll għall-imputazzjoni ta' traffikar tad-droga eroina, mertu tal-ewwel imputazzjoni, apparti li reġa' kkonferma l-ammissjoni tiegħu dwar it-tielet imputazzjoni. Dwar l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet, il-Qorti tqis ukoll illi dawn jirriżultaw, fil-grad rikjest mil-liġi, mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, indipendentement mill-ammissjoni tal-imputat odjern u dan kemm mix-xhieda ta' Andrew Hindley, kif ser jirriżulta iżjed 'il quddiem, kif ukoll mill-messaġġi li nstabu fuq wieħed miċ-ċellulari fil-pussess tal-imputat, mil-liema messaġġi jirriżulta wkoll illi l-istess ċellulari kien jappartjeni lilu u kien jużah hu. Dan apparti wkoll illi fir-residenza tal-imputat instabu oġġetti relatati mat-traffikar tad-droga, bħal imwieżen diġitali u karti mqattgħin, oġġetti dawn komunement użati fit-traffikar tad-droga.

Dwar l-addebitu tar-reċidiva, kif ingħad fil-waqt illi ġiet reġistrata ammissjoni dwar dan l-addebitu fis-seduta tal-5 ta' Frar 2010 u saret ammissjoni ġenerali fis-seduta tas-17 ta' Frar 2015, fis-seduta tal-24 ta' April 2019 ġie dikjarat mid-difiża illi kienet qegħda tikkontesta l-istess addebitu. Dwar dan il-Qorti, apparti li tinnota li d-difiża fl-ebda mument ma rtirat jew talbet illi tirtira l-ammissjoni tal-imputat f'dan ir-rigward, tqis ukoll illi mit-trattazzjoni finali tad-difiża jirriżulta illi "*r-raguni nassumi li kienet apparti illi dik is-sentenza illi hemm fl-opinjoni tieghi hemm diskrepanza bejn il-verzjoni miktuba ttajpjata ghaliex dan qed nitkellmu fuq multa, nassumi li konna kkontestajna r-recidiva minhabba l-fatt illi m'hemm l-ebda prova u* [*recte*: li] *l-multa thallset*".[9]

[8] Ara iżjed 'l isfel il-konklużjonijiet tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut.

[9] A fol. 232 u 233 tal-proċess.

Dwar dan jirriżulta mill-atti illi l-Prosekuzzjoni esebiet vera kopja ta' sentenza ta' din il-Qorti, kif preseduta mill-Maġistrat Dr. Antonio Mizzi nhar il-21 ta' Marzu 2007.[10] Din is-sentenza ngħatat fil-konfront ta' James Hughes, iben James u Anna Maria nee` Caruana, imwieled il-Pieta` fid-9 ta' Ġunju 1975, u għalhekk il-Qorti m'għandhiex dubju li ngħatat proprju fil-konfront tal-imputat odjern. Għalkemm id-data tas-sentenza ġiet erronjament indikata fiċ-ċitazzjoni bħala t-12 ta' Frar 2007, minflok 21 ta' Marzu 2007, fi kwalunkwe każ il-Qorti tqis fid-dawl tas-sentenza esebita, illi dan l-addebitu jirriżulta. Wara kollox, l-Artikolu 49(1) tal-Kodiċi Kriminali jgħid hekk: "*Persuna titqies reċidiva jekk, wara li tkun ġiet ikkundannata għal reat b'sentenza, ukoll meta mogħtija minn qorti barranija li tkun għaddiet f'ġudikat, tagħmel reat ieħor*". M'hemmx dubju, anke jekk is-sentenza msemmija ġġib data diversa minn dik indikata fiċ-ċitazzjoni, illi l-imputat ġie kkundannat għal reat b'sentenza u għalhekk illi huwa reċidiv. Fil-fehma tal-Qorti, lanqas is-sottomissjoni tad-difiża, fis-sens illi l-piena nflitta mill-Qorti f'dak il-każ ossia l-piena pekunjarja ġiet indikata f'ċertu ammont mill-Maġistrat *di proprio pugno* fuq iċ-ċitazzjoni (ossia għoxrin Lira Malta (Lm20)), iżda ġiet indikata f'ammont ieħor (ta' ħamsa u għoxrin Lira Maltin (Lm25)) fil-verżjoni dattilografata ma timpinġi fuq il-ħtija dwar dan l-addebitu. Effettivament, is-sentenza hija dik li toħroġ formalment bil-firma tad-Deputat Reġistratur. Madankollu, mill-atti proċesswali ma jirriżultax lill-Qorti jekk din il-piena ġietx skontata (u allura mħallsa), ai termini tal-Artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali u għaldaqstant l-imputat qed jinstab ħati biss tar-reċidiva ai termini tal-Artikolu 49 fuq imsemmi.

Illi għaldaqstant, fid-dawl tas-suespost, u fid-dawl tal-ammissjoni reġistrata mill-imputat f'diversi stadji ta' dawn il-proċeduri, kif ukoll fid-dawl tal-provi prodotti, kif spjegat iżjed' il fuq, il-Qorti ma tistax ħlief issib lill-istess imputat ħati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet u l-ħames imputazzjonijiet, kif ukoll tal-addebitu tar-reċidiva. Dwar ir-raba' imputazzjoni li tikkontempla l-pussess aggravat tal-mediċina *Dihydrocodeine*, il-Qorti ser tagħmel l-osservazzjonijiet tagħha iżjed 'il quddiem.

Għal fini ta' piena dwar l-imputazzjonijiet li tagħhom l-imputat qed jinstab ħati, il-Qorti qed tqis illi mix-xhieda tal-**Ispettur Johann J. Fenech**[11], **PS 1086 Johann Micallef**[12], **WPC 127 Carmen Gauci**[13], **PS 891 Oscar Baldacchino**[14] u **PC 213 Nikolai Borg**[15] jirriżulta illi wara li l-pulizija ottjeniet informazzjoni illi l-imputat kien qiegħed allegatament jitraffika d-droga mir-residenza tiegħu, nhar il-21 ta' Jannar 2009, pulizija mill-Iskwadra Kontra d-Droga osservaw lill-

---

[10] Ara a fol. 79 tal-proċess.
[11] Ara a fol. 44 sa 47 tal-proċess.
[12] A fol. 52 sa 54 tal-proċess u a fol. 96 u 97 tal-proċess.
[13] A fol. 55 u 56 tal-proċess.
[14] A fol. 57 sa 59 tal-proċess.
[15] A fol. 72 u 73 tal-proċess.

imputat, viċin ir-residenza tiegħu, jagħmel kuntatt ma' ċertu Andrew Hindley[16], li ftit tal-ħin qabel kien ġie osservat jistenna fil-viċinanzi fejn kien jirrisjedi l-imputat odjern. Wara li Hindley u l-imputat infirdu, tal-ewwel ġie mwaqqaf mill-pulizija u taħt saqajh instab qartas tal-karti bit-trab kannella, li skont l-istess Hindley, kien għadu kif xtrah mingħand l-istess imputat. Sussegwentement, fl-istess jum, il-pulizija għamlet tfittxija ġewwa r-residenza tal-imputat, u minn hemmhekk ġew elevati kemm sustanzi suspettati lleċiti, kif ukoll diversi oġġetti relatati mal-użu u t-traffikar tad-droga, inkluż diversi *mobile phones*, kif ukoll is-somma ta' mitejn u erbgħin ewro (€240) fi flus kontanti.[17] L-imputat ġie arrestat u rrilaxxja żewġ stqarrijiet lill-pulizija; waħda nhar it-22 ta' Jannar 2009 fit-3.00 p.m.[18] u oħra fl-istess jum fis-6.15 p.m.[19]

Da parti tiegħu, **Andrew Hindley** ukoll ġie arrestat mill-pulizija u rrilaxxja stqarrija nhar il-21 ta' Jannar 2009, liema stqarrija huwa kkonfermaha dakinhar stess quddiem il-Maġistrat Inkwirenti.[20] F'din l-istqarrija huwa jgħid illi huwa kellu l-vizzju tad-droga, illi huwa kien jikkonsma ċirka pakkett eroina ta' għoxrin ewro kuljum, illi huwa kien jixtri d-droga eroina mingħand James Hughes li joqgħod l-Imsida u li ġie indikat minnu f'ritratt li jinsab esebit fl-istess proċess verbal, illi huwa kien ilu jixtri l-eroina mingħandu għal madwar sena, illi kien jixtri l-eroina mingħandu darba kuljum jew forsi inqas, skont il-vizzju, illi kull darba huwa kien jixtri pakkett ta' għoxrin ewro, u li dakinhar waranofsinhar, huwa kien mar sabiex jakkwista pakkett eroina mingħand Hughes, iżda ġie arrestat. Fl-istess stqarrija, huwa jikkonferma illi l-pakkett li nstab mal-art kien tiegħu, li dan kien jikkontjeni l-eroina u li kien għadu kif xtrah mingħand Hughes.[21]

L-istess Andrew Hindley xehed ukoll f'dawn il-proċeduri.[22] Huwa jikkonferma li kien ġie arrestat mill-pulizija madwar ħmistax-il jum qabel[23], u li fil-pussess

---

[16] PC 213 Nikolai Borg jispjega illi waqt li kienet qegħda ssir osservazzjoni fuq ir-residenza tal-imputat odjern, dan ġie innutat ħiereġ mill-istess residenza u jirkeb f'vettura. Huma segwew lill-istess imputat u żewġ kantunieri 'l bogħod rawh jagħmel kuntatt ma' terza persuna, li rriżulta li kien ċertu Andrew Hindley.

[17] L-oġġetti elevati jidhru fir-ritratti formanti parti mir-relazzjoni ta' **PS 826 Matthew Parnis**, *Scene of the Crime Officer*, maħtur fil-mori tal-inkjesta li saret dwar dan il-każ. Din ir-relazzjoni tinsab esebita a fol. 69 tal-proċess. Il-flus elevati ġew esebiti mill-Uffiċjal Prosekutur bħala formanti parti minn Dok. JF3. Ara wkoll l-irċevuti li nħarġu lill-imputat odjern u lil martu Kristina Hughes dwar diversi *mobile phones* li ġew elevati, flus kontanti u *laptop* tal-marka HP, a fol. 80 u 81 tal-proċess. Mix-xhieda ta' **PS 365 Alan Calleja** jirriżulta illi s-somma ta' mitejn u tletin ewro (€230) fi flus kontanti li għaliha ssir referenza fl-irċevuta maħruġa lil Kristina Hughes sussegwentement ġiet rilaxxjata lilha stess (ara a fol. 83 u 84 tal-proċess). Huwa għalhekk illi fl-atti proċesswali ġiet esebita biss is-somma ta' mitejn u erbgħin ewro (€240) li dwarha ħarġet irċevuta lill-imputat odjern (ara l-irċevuta a fol. 80 tal-proċess).

[18] Ara a fol. 48 u 49 tal-proċess.

[19] Ara a fol. 50 u 51 tal-proċess.

[20] Ara il-proċess verbal dwar l-istqarrija ġuramentata ta' Andrew Hindley nhar il-21 ta' Jannar 2009, esebit a fol. 34 tal-proċess.

[21] Ara a fol. 3 sa 6 tal-proċess verbal.

[22] Ara a fol. 35 sa 40 tal-proċess.

[23] Huwa xehed quddiem din il-Qorti, kif diversament preseduta, fis-6 ta' Frar 2009.

tiegħu kellu qartas eroina, liema qartas kien għadu kif xtrah mill-Imsida, mingħand James Hughes. Huwa identifika lil Hughes bħala l-imputat odjern u kkonferma li dan kien il-persuna li mingħandu kien akkwista l-eroina.

Mir-relazzjoni tax-**Xjenzat Godwin Sammut**[24], maħtur bħala espert fil-mori tal-inkjesta dwar dan il-każ, jirriżulta illi nhar it-22 ta' Jannar 2009 huwa ngħata tlettax-il dokument mingħand l-Ispettur Johann J. Fenech u ċioe` is-segwenti:

1. Borża tal-plastik trasparenti li ġo fiha kien hemm:

   i. Karta bil-kliem Data 21/01/09, Ħin 4:30pm, Elevat/i minn ġewwa kexxun fil-kamra tas-sodda fil-preżenza ta' James Hughes minn PS1086 u bott tal-plastik ta' lewn abjad bil-kliem *DHC 60mg* li fih kapsula ta' lewn abjad u karta li fiha 21 pillola ta' lewn abjad.

   Dan id-dokument ingħata l-Kodiċi tal-Laboratorju 028_09_01.

2. Borża tal-plastik trasparenti li kien fiha:

   i. Karta bil-kliem Data: 21/01/09 Ħin: 5.00pm Elevat/i minn fuq il-mejda fil-kċina fil-preżenza ta' James Hughes minn PS1086, PS891 u żewġ biċċiet ta' sustanza ta' lewn kannella.

   Dan id-dokument ingħata l-Kodiċi tal-Laboratorju 028_09_02.

3. Borża tal-plastik trasparenti li kien fiha:

   i. Karta bil-kliem Data: 21/01/09 Ħin: 5.00pm Elevat/i minn ġewwa l-kamra tas-sodda fil-preżenza ta' James Hughes minn PS891, PS1086;

   ii. Borża tal-plastik li fiha trab ta' lewn iswed/griż;

   iii. Żewġ boroż tal-plastik trasparenti li fihom sustanza ta' lewn sewda;

   iv. Biċċa *cling film* li fiha sustanza ta' lewn kannella;

   v. Biċċa plastic trasparenti b'xi tiċpis ta' lewn kannella.

   Dan id-dokument ingħata l-Kodiċi tal-Laboratorju 028_09_03.

[24] Ara x-xhieda tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, a fol. 62 u 63 tal-proċess u r-relazzjoni tiegħu esebita bħala Dok. GS, a fol. 64 tal-proċess.

4. *Evidence bag* bin-numru A01672492 li kien issiġillat u ffirmat u li fih borża tal-plastik trasparenti li fiha trab ta' lewn kannella u l-borża tal-plastik li kien fiha t-trab ta' lewn kannella.

   Dan id-dokument ingħata l-Kodiċi tal-Laboratorju 028_09_04.

5. *Evidence bag* bin-numru A01672490 li kien issiġillat u ffirmat u li fih żewġ biċċiet *aluminium foil* b'xi tiċpis ta' lewn iswed/kannella u biċċa plastik trasparenti.

   Dan id-dokument ingħata l-Kodiċi tal-Laboratorju 028_09_05.

6. *Evidence bag* bin-numru A01672489 li kien issiġillat u ffirmat u li fih biċċa karta imxarba b'xi tiċpis ta' lewn kannella.

   Dan id-dokument ingħata l-Kodiċi tal-Laboratorju 028_09_06.

7. *Evidence bag* bin-numru A01672488 li kien issiġillat u ffirmat u li fih biċċa borża tal-plastik b'xi tiċpis ta' lewn kannella.

   Dan id-dokument ingħata l-Kodiċi tal-Laboratorju 028_09_07.

8. Flixkun tal-plastik trasparenti li fih:

   i. Karta bil-kliem Data: 21/01/09 Ħin: 5.00pm Elevat/i minn ġewwa it-toilet fil-preżenza ta' James Hughes minn PS1086 li kien fih ilma u xi trab fil-qiegħ u *filter papers* li fihom it-trab li kien ġo l-ilma.

   Dan id-dokument ingħata l-Kodiċi tal-Laboratorju 028_09_08.

9. *Evidence bag* bin-numru A01672491 li fih kaxxa ta' lewn sewda bil-kliem *Pocket Scale* li fiha miżien żgħir ta' lewn griż li jaħdem.

   Dan id-dokument ingħata l-Kodiċi tal-Laboratorju 028_09_09.

10. Borża tal-plastik trasparenti li fiha:

    i. Karta bil-kliem Data: 21/01/09 Ħin: 5.00pm Elevat/i minn fuq il-mejda fil-kċina fil-preżenza ta' James Hughes minn PS1086, PC231 u biċċa plastik trasparenti.

    Dan id-dokument ingħata l-Kodiċi tal-Laboratorju 028_09_10.

11. Borża tal-plastik trasparenti li fiha:

    i. Karta bil-kliem Data: 21/01/09 Ħin: 5.00pm Elevat/i minn ġewwa żibel fil-kċina fil-preżenza ta' James Hughes minn PC231 u diversi biċċiet tal-plastik trasparenti u żewġ biċċiet karti.

    Dan id-dokument ingħata l-Kodiċi tal-Laboratorju 028_09_11.

12. Borża tal-plastik trasparenti li fiha:

    i. Karta bil-kliem Data: 21/01/09 Ħin: 6.00pm Elevat/i minn walk in wardrobe fil-kamra tas-sodda fil-preżenza ta' Kristina Prokonerko minn PS1086, WPC127 u biċċa plastik trasparenti u żewġ kaxxi ta' lewn ħomor li fihom miżien żgħir ma jaħdmux.

    Dan id-dokument ingħata l-Kodiċi tal-Laboratorju 028_09_12.

13. Borża tal-plastik ta' lewn abjad li fiha miżien kbir ta' lewn isfar mingħajr il-plattina.

    Dan id-dokument ingħata l-Kodiċi tal-Laboratorju 028_09_13.

Dwar dawn, l-espert ikkonkluda illi:

(a) Fl-estratti meħuda mill-pillola ta' lewn bajda li hemm fid-dokument 028_09_01 instabet is-sustanza *Dihydrocodeine*. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda Taqsima III tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

(b) Fl-estratti meħuda mis-sustanzi ta' lewn kannella li hemm fid-dokumenti 028_09_02 u 028_09_03 instabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol* sustanza li tiġi mill-pjanta tal-kannabis. Il-piż tas-sustanza kien ta' 3.47 grammi u l-purita` tas-sustanza kien ta' ċirka 12%. Din is-sustanza hija kkontrollati bil-liġi taħt it-Taqsima III, Sezzjoni 8 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

(c) Fuq *swabs* meħuda mill-plastik li hemm fid-dokumenti 028_09_03 u 028_09_07, fuq *swab* meħuda mill-*aluminium foil* li hemm fid-dokument 028_09_05, fuq *swab* meħuda mill-biċċa karta li hemm fid-dokument 028_09_06, fuq *swabs* meħuda minn fuq l-imwieżen li hemm fid-dokumenti 028_09_09 u 028_09_13 instabet is-sustanza *Eroina*. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

(d) Fuq estratti meħuda mit-trab ta' lewn kannella li hemm fid-dokumenti 028_09_04 u 028_09_08 instabet is-sustanza *Eroina*. Il-piż tat-trab kien ta' 3.88 grammi u l-purita` tat-trab kien ta' ċirka 25%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Hawn irid jingħad illi mill-istess relazzjoni jirriżulta wkoll illi l-wieħed u għoxrin (21) pillola formanti parti mid-dokument bil-kodiċi tal-laboratorju 028_09_01 irriżultaw fin-negattiv u illi kienet biss il-kapsula ta' lewn abjad, fl-istess dokument, li kienet tikkontjeni s-sustanza *Dihydrocodeine*.[25] Jirriżulta wkoll mill-konklużjonijiet tal-espert illi s-sustanza *Dihydrocodeine* fl-istess kapsula hija mniżżla taħt l-Ewwel Skeda, Taqsima III tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema Taqsima telenka dawk il-preparati li huma eżentati fosthom preparati ta' *Dihydrocodeine* "*meta jkunu komposti ma' ingredjent wieħed jew aktar u jkun fihom mhux aktar minn 100 milligram tal-mediċina f'kull unita` ta' doża u b'konċentrament ta' mhux iżjed minn 2.5 fil-mija tal-preparati mhux separati*". Dan ifisser illi f'dan il-każ, il-pussess tas-sustanza ma jammontax għal reat taħt il-Kap. 101. Għaldaqstant, minkejja l-ammissjoni tal-imputat anke għal din ir-raba' imputazzjoni, il-Qorti ma tistax issibu ħati tal-istess imputazzjoni.

Qieset ukoll il-kontenut tar-relazzjoni tal-**espert Martin Bajada**, maħtur fil-mori tal-inkjesta dwar dan il-każ sabiex jeżamina ħdax-il *mobile phone*, SIM *cards* u *notebook computer* li ġew mgħoddija lilu mill-Ispettur Johann Fenech għall-analizi tiegħu, liema inkarigu sussegwentement ġie estiż minn din il-Qorti, kif diversament preseduta, sabiex huwa jikseb *call profile* għall-*mobile phones* u SIM *cards* elevati. Mill-istess relazzjoni, jirriżulta illi ħames *mobile phones* ma kinux jiffunzjonaw, fil-waqt illi tlieta minnhom ma kellhomx SIM *card* (apparti li żewġ ċellulari li ma kinux jiffunzjonaw ukoll ma kellhomx SIM *card*). Jirriżulta wkoll mix-xhieda tal-espert illi fuq il-*Notebook Computer* tal-marka HP u l-messaġġi fuq iċ-ċellulari li huwa analizza, ma rriżulta xejn relatat mat-teħid tad-droga. Fil-konklużjonijiet fir-relazzjoni tiegħu, l-istess espert jagħmel din l-osservazzjoni fir-rigward tan-*Notebook Computer* u tad-dokumenti kollha li minnhom saret estrazzjoni tal-informazzjoni ossia ħames ċellulari mmarkati bħala Dok. MB2, MB4, MB5, MB8 u MB11, kif deskritti fl-istess relazzjoni tiegħu.[26]

Madankollu, mir-relazzjoni tal-istess espert, il-Qorti tinnota numru ta' messaġġi fl-*inbox* taċ-ċellulari Dok. MB2, elevat mingħand l-imputat odjern, li dwarhom m'għandhiex dubju li kienu relatati ma' bejgħ tad-droga. Hekk per eżempju,

[25] Ara l-paġna 6 tar-relazzjoni tal-espert.
[26] Ara x-xhieda tal-espert a fol. 87 u 88 tal-proċess. Ir-relazzjoni tiegħu tinsab esebita bħala Dok. MB, a fol. 89 tal-proċess.

messaġġ datat 21 ta' Jannar 2009, fid-19:21:00 min-numru 79992471 jgħid hekk: "*Aw jin diane tista tamili bhas soltu isa niranga mijak ada zgur ntik it 20 tal birah tlula tal llum u ntik xi haga mil psp ima ada ha koli flus serah rasek ada ntik Rose.salerno*" u messaġġ ieħor fl-istess jum fl-16:28:00 min-numru 79905658: "*hi its karl of andy, may i meet u please? For one of ten euros please*".

Tqis ukoll għal fini ta' piena, il-fedina penali tal-imputat kif aġġornata sat-23 ta' Ottubru 2020 u li sa dakinhar kienet tikkonsisti f'sejbien ta' ħtija *inter alia* dwar diversi reati kontravenzjonali, reati taħt il-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta, reati li jiksru r-regolamenti tat-traffiku, reati kontra l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud f'diversi okkażjonijiet, pussess ta' mediċini psikotropika u ristretta (f'iżjed minn okkażjoni waħda) u tal-*cannabis* għall-użu personali, ir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali u illi kkaġuna feriti ta' natura ħafifa. L-aħħar reat kommess mill-imputat jirrisali għas-sena 2007.

Tqis in oltre madankollu, illi kif ingħad iżjed 'il fuq, b'digriet tagħha tal-21 ta' Novembru 2016, din il-Qorti assumiet il-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u rreferiet lill-imputat quddiem il-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga u dan wara li rriżultalha illi l-kundizzjonijiet elenkati fl-Artikolu 8 tal-Kap. 537 kienu ġew sodisfatti, fosthom illi fiż-żmien in kwistjoni, l-imputat kellu dipendenza serja fuq id-droga. F'dan l-istadju, huwa sufficjenti li jingħad illi l-imputat kien ilu għall-perjodu ta' iżjed minn għoxrin sena jabbuża mid-droga eroina, u illi għalkemm kien hemm perjodi, matul is-snin, li fihom waqaf juża d-droga, dawn kienu perjodi qosra f'ħajtu u fil-fatt l-użu tad-droga da parti tiegħu dejjem kien wieħed regolari. Għaldaqstant fl-imsemmi digriet, il-Qorti kkonkludiet illi l-imputat kellu dipendenza qawwija fuq id-droga, fil-waqt illi qieset ukoll illi għalkemm l-imputat ma kienx ħieles għal kollox mid-droga dak iż-żmien, huwa kien għamel progress matul ix-xahrejn ta' qabel, u illi s-sitwazzjoni tiegħu tjiebet b'tali mod li kienet l-aqwa li qatt kienet sa mis-sena 1997. F'dak l-istadju, fil-waqt li kkonvertiet f'Qorti dwar id-Droga, il-Qorti qieset illi tenut kont tal-problema serja tad-droga tal-istess imputat, u li din kienet problema kostanti għall-perjodu daqstant twil ta' żmien, l-imputat kien għamel sforz sostanzjali f'dan l-aspett ta' ħajtu (inkluż f'aspetti oħrajn, bħal per eżempju l-isforz tiegħu li jżomm impjieg regolari), għalkemm kien għadu ma rrijabilitax ruħu kompletament mill-vizzju tad-droga.[27]

Il-Qorti qed tqis in oltre illi mid-digriet tagħha tal-21 ta' Novembru 2016, ir-rapporti kollha li ġew ippreżentati mill-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga fir-rigward tal-imputat odjern kienu pożittivi. Mir-rapporti ta' Stephanie Grech, Kap tas-Servizzi fil-Komunita` fi ħdan l-Aġenzija Caritas,

---

[27] Ara x-xhieda tal-**Uffiċjal tal-*Probation* Maryanne Zammit**, a fol. 107, a fol. 144 u a fol. 167 tal-proċess, kif ukoll *Social Inquiry Report* u *Pre-Sentencing Report* redatti mill-istess Uffiċjal tal-*Probation* dwar l-imputat odjern, a fol. 109 u a fol. 148 tal-proċess rispettivament u x-xhieda ta' **Dr. Anna Maria Vella**, a fol. 172 tal-proċess.

li segwiet lill-imputat matul iż-żmien li huwa dam quddiem il-Bord, jirriżulta illi l-imputat għamel l-almu tiegħu sabiex jegħleb il-vizzju tad-droga. Huwa kien konsistenti u regolari fl-attendenza tiegħu għall-appuntamenti ffissati, u salv għal tliet kampjuni tal-urina li ttieħdulu fi Frar u f'Marzu 2017, li rriżultaw fil-pożittiv għal *opiates*, mill-bqija, il-kampjuni tal-urina kollha li huwa provda bejn Jannar 2017 u Jannar 2018 irriżultaw ilkoll fin-negattiv għal sustanzi lleċiti. Dwar dawk il-kampjuni li rriżultaw fil-pożittiv in oltre, jirriżulta mir-rapport ippreżentat mill-Bord fis-27 ta' Ġunju 2017, illi kien hemm okkażjonijiet li fihom l-imputat għamel użu minn *DHCs* meta ma laħaqx mar għall-*methadone* minħabba raġunijiet ta' xogħol, liema *DHCs* jimmarkaw fil-pożittiv għall-*opiates* fl-urina. Minn dakinhar, l-imputat ma baqax jagħmel użu minn dawn is-sustanzi. Jirriżulta wkoll mill-istess rapporti illi l-imputat kien sejjer tajjeb, wera motivazzjoni u mpenn sabiex jegħleb il-vizzju u laħaq livell sodisfaċenti ta' stabilita`, kien qed jaħdem u beda anke jfittex impjieg *full-time*.[28] Fix-xhieda tagħha tal-21 ta' Marzu 2018, imbagħad, **Joanne Buhagiar Fiott** in rappreżentanza tal-imsemmi Bord, xehdet illi fl-14 ta' Marzu 2018, ġie deċiż mill-Bord illi l-każ jingħalaq għax l-imputat wera kooperazzjoni, żamm mal-*careplan*, attenda b'mod regolari għall-appuntamenti li ngħataw lilu, u l-kampjuni tal-urina baqgħu negattivi, bir-riżultat għalhekk illi l-istess Bord kien sodisfatt bil-proċess ta' rijabilitazzjoni tal-imputat, li ntemm b'suċċess.[29]

Qieset ukoll ix-xhieda ta' **Joyce Agius**, Deputat Reġistratur fil-Qrati Kriminali, mil-liema jirriżulta illi dawn tal-lum huma l-uniċi proċeduri pendenti fil-konfront tal-imputat odjern.[30]

Il-Qorti tqis għalhekk illi jirriżulta ċar u evidenti mill-provi proċesswali illi l-imputat kellu vizzju u dipendenza serja fuq id-droga eroina, liema dipendenza kienet tmur lura għal numru twil ta' snin u ferm qabel iż-żmien li għalih jirreferu l-imputazzjonijiet odjerni. Il-Qorti m'għandhiex dubju, in vista tal-provi prodotti, tenut kont tan-natura tar-reati li bihom jinsab mixli l-istess imputat u tenut kont ukoll taċ-ċirkostanzi tal-każ, illi l-istess imputat wettaq l-istess reati bħala konsegwenza ta' din id-dipendenza akuta fuq id-droga u għalhekk hija sodisfatta illi r-reati li dwarhom l-imputat qed jinstab ħati, kienu prinċipalment attribwibbli għad-dipendenza tiegħu fuq id-droga. Naturalment dawn iċ-ċirkostanzi ma jiskolpawx lill-imputat, iżda l-Qorti ma tistax ma tqisx ukoll illi huwa mpenja ruħu bis-sħiħ u rnexxielu jirriforma ħajtu u jirrijabilita ruħu mill-vizzju tad-droga. Il-Qorti tikkunsidra mhux biss illi l-imputat għamel sforz kbir

[28] Ara r-rapporti ta' Stephanie Caruana esebiti mill-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga, a fol. 195, 200, 206, 210B u 217 tal-proċess.
[29] Ara din ix-xhieda a fol. 213 u 214 tal-proċess, kif ukoll in-nota tal-Bord tal-14 ta' Marzu 2018, a fol. 216 tal-proċess.
[30] Ara a fol. 222 sa 224 tal-proċess.

sabiex jegħleb il-vizzju tad-droga, u illi rnexxielu jagħmel dan, iżda għandu wkoll impjieg u laħaq livell sodisfaċenti ta' stabilita` f'ħajtu b'mod ġenerali.

Għalhekk tenut kont tal-atti probatorji riżultanti f'dan il-każ, il-Qorti hija tal-fehma illi għandu japplika l-Artikolu 8(7) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta u l-proviso tal-istess sub-artikolu u ċioe` illi la darba hija sodisfatta illi r-reati li dwarhom l-imputat qed jinstab ħati, kienu prinċipalment attribwibbli għad-dipendenza tiegħu fuq id-droga, ser tieqaf milli tapplika t-terminu minimu mandatorju ta' prigunerija jew l-esklużjoni tas-sospensjoni tat-terminu ta' priġunerija, altrimenti applikabbli għar-reat odjern.

Tqis illi mill-banda l-waħda, fid-dawl tan-natura serja tal-imputazzjonijiet li dwarhom l-imputat qed jinstab ħati, u mill-banda l-oħra, tal-progress notevoli li huwa għamel, fil-każ odjern sentenza ta' priġunerija sospiża hija waħda idonea.

In oltre sabiex jiġi assikurat illi l-imputat jibqa' 'l bogħod mid-droga u jkompli fit-triq li qabad, tqis ukoll illi jkun xieraq illi l-imputat jitqiegħed taħt Ordni ta' Superviżjoni sabiex b'hekk ikompli jiġi megħjun fil-ġlieda tiegħu kontra d-droga.

Tirrileva wkoll illi għalkemm dan il-każ jirrisali għal Jannar tas-sena 2009, mill-atti proċesswali jirriżulta illi l-Prosekuzzjoni għalqet il-provi tagħha sena wara, ossia fil-15 ta' Jannar 2010 u illi fil-maġġor parti tiegħu, id-dewmien żejjed fil-proċeduri kien dovut għal raġunijiet imputabbli lill-imputat odjern; kien hemm seduti li fihom l-imputat ma deherx minkejja li kien debitament notifikat fejn f'okkażjonijiet preżenta ċertifikat mediku fil-waqt li f'oħrajn dan ma kienx il-każ, kien hemm diversi seduti fejn id-difiża talbet differiment *inter alia* sabiex tirregola ruħha jew anke sabiex jintlaħaq patteġjament mal-Avukat Ġenerali jew għaliex l-avukat difensur kien indispost minħabba xogħol ieħor, u oħrajn fejn id-difiża (kif ġie ikkonfermat mill-Prosekuzzjoni) informat lill-Qorti li l-imputat kien qed jagħti xi informazzjoni lill-pulizija bit-tama li jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema informazzjoni jidher illi ma ħalliet l-ebda frott stante illi l-Prosekuzzjoni baqgħet ma għamlet l-ebda dikjarazzjoni f'dan is-sens. Naturalment wara d-dħul fis-seħħ tal-Att I tas-sena 2015 u l-konverżjoni ta' din il-Qorti f'Qorti dwar id-Droga, il-Qorti kellha tistenna l-perkors tal-perjodu mogħti mil-liġi li fih l-imputat kellu jidher quddiem il-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikolu 8(7) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikoli 17 u 49 tal-Kodiċi Kriminali, qed issib lill-imputat **James**

**Hughes** mhux ħati tar-raba' imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u qegħda tilliberah minnha, fil-waqt illi qed issibu ħati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet u l-ħames imputazzjonijiet u tal-addebitu tar-reċidiva u tikkundannah għall-piena ta' tmintax (18)-il xahar priġunerija li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tiġi sospiża għal perjodu ta' tliet (3) snin mil-lum u multa ta' elfejn ewro (€2,000) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta tista' titħallas mill-ħati f'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt ewro (€100), bl-ewwel pagament isir fi żmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-ħati jonqos li jħallas pagament wieħed, il-bilanċ isir dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi.

Ai termini tal-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tqiegħed lill-ħati taħt Ordni ta' Superviżjoni taħt is-superviżjoni ta' Uffiċjal Sorveljanti, bil-kundizzjonijiet indikati fl-istess Ordni hawn anness, liema Ordni għandu jibqa' fis-seħħ għal żmien sentejn mil-lum.

Tordna komunika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-*Probation* u *Parole* sabiex jaħtar Uffiċjal Sorveljanti li jissorvelja lill-ħati.

Il-Qorti wissiet lill-ħati fi kliem ċar u sempliċi, bil-konsegwenzi skont il-liġi, kemm il-darba huwa jikkommetti reat ieħor punibbli bi priġunerija matul il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiża. In oltre wissiet ukoll lill-ħati dwar l-effetti tal-Ordni ta' Superviżjoni ai termini tal-Artikolu 28G(8) u (9) tal-Kapitolu 9.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna lill-ħati sabiex iħallas l-ispejjeż tal-esperti maħtura fil-mori tal-inkjesta dwar dan il-każ ossia s-somma ta' mitejn, sebgħa u disgħin ewro u tlieta u tmenin ċenteżmu (€297.83), rappreżentanti spejjeż in konnessjoni mal-ħatra tax-Xjenzat Godwin Sammut, is-somma ta' mija, disgħa u ħamsin ewro u tmienja u disgħin ċenteżmu (€159.98), rappreżentanti spejjeż konnessi mal-ħatra ta' PC 826 Matthew Parnis bħala *Scene of the Crime Officer*, kif ukoll is-somma ta' tliet mija, wieħed u erbgħin ewro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€341.47)[31], rappreżentanti spejjeż konnessi mal-ħatra tal-espert Martin Bajada, b'kollox tali spejjeż ammontanti għas-somma ta' seba' mija, disgħa u disgħin ewro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (€799.28), liema spejjeż għandhom jitħallsu mill-ħati fi żmien sitt (6) xhur mil-lum.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga u l-oġġetti relatati mad-droga, inkluż dawk formanti parti minn Dokument JF 3, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li

[31] Fil-kalkolu ta' dawn l-ispejjeż, il-Qorti qieset illi kien hemm biss ċellulari wieħed li kien jikkontjeni messaġġi relatati mad-droga. Għalhekk, f'tali kalkolu l-Qorti inkludiet id-dritt tal-espert, kif ukoll l-ispejjeż relatati mal-ġbir tal-esebiti, *typing* tar-rapport u kopji u *printouts*, l-ispejjeż relatati ma' ċellulari wieħed minflok ħamsa, SIM *card* waħda minflok tlieta u t-taxxa fuq il-valur miżjud.

jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kodiċi Kriminali u tal-Artikolu 22(2)(b) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta tordna l-konfiska ta' Dokument MB2 ossia ċellulari elevat mill-pussess tal-ħati u tas-somma ta' mitejn u erbgħin ewro (€240) formanti parti minn Dokument JF3.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat